MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' April, 2013

Numru. 906/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**

**vs**

**Raymond Barbara**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Raymond Barbara ta’ 33 sena, bin Carmelo u Mikelina nee’ Curmi, imwieled iz-Zejtun fl-10 ta’ Novembru, 1975 u residenti fil-fond numru 73, Triq id-Dahla ta’ San Tumas, iz-Zejtun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 0547775(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-2 ta' Jannar, 2009 ghal habta ta' filghodu fi Triq il-Qaliet gewwa Wied il-Ghajn, waqt li kien qed issuq il-bowzer ta' l-ghamla ERF u bin-numru tar-registrazzjoni: BAH-307, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti:

Ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Carmela Fiott, hekk kif iccertifikat minn Dr. Lynn Grech (Warrant Mediku bin-numru: 5135) tad-Dipartiment ta' l-Emergenza ta' l-Isptar Mater Dei.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mall-hatra ta' l-esperti skond l-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tigi sospiza l-licenzja tas-sewqan ta' Raymond Barbara u dan skond kif inhu mitlub fl-art. 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-18 ta' Awwissu 2011 (inserita a fol. 88 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

(a) fl-artikolu 225, 226(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) fl-artikolu 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) fl-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tat-2 ta' Dicembru 2011 iddikjara li ma kellhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident awtomobilistiku li sehh fit-2 ta' Jannar 2009 ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu fi Triq il-Qaliet, Wied il-Ghajn fejn mara anzjana, Maria Carmela Fiott, giet milquta minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAH 307 misjuqa mill-imputat fejn l-anzjana sofriet griehi ta' natura gravi.

Illi Maria Carmela Fiott xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-25 ta' Marzu 2011 fejn qalet li hija kienet miexja fi Triq il-Qaliet, Wied il-Ghajn quddiem l-ispizjar u qasmet it-triq u mal-bankina l-ohra kien hemm bowser wieqaf b'vetturi ohra parkeggjati quddiemu u warajh. Hija tghid li mxiet mal-gemb tal-bowser u malli waslet bejn zewg vetturi parkeggjati rat lis-sewwieq tal-bowser tiela' fl-istess bowser u dan dawwar malajr u hija kellha saqajha fuq il-bankina u ma tafx x'gara u sabet ruhha wiccha 'l fuq mal-art. Hija tghid li malli bdiet tghajjat 'ajma ajma' x-xufier tal-bowser induna biha u nizel u hu u ragel iehor li nzerta ghaddej minn fuq il-post ghenuha sabiex tmur ghand l-ispizjar minnfejn cemplet lil binha u mbaghad ittiehdet lejn l-isptar fejn irrizulta li kellha zewg minkbejn miksurin u sarulha zewg operazzjonijiet. Hija tghid li damet gimgha l-isptar u madwar erba' xhur sabiex tfieq. Fiott tghid li qasmet minn quddiem it-trukk u dan laqatha waqt li kien qed jaqla' mill-parking. Mill-okkorrenza li tinsab inserita a fol. 39 u 40 tal-atti processwali jirrizulta li a tempo vergine Maria Carmela Fiott qalet lil Pulizija is-segwenti:-
***"Hija kienet ghaddejja minn gewwa Triq il-Qaliet M' Scala u kienet miexja taht il-bankina hija marret sabiex titla il-bankina, qabditilha il-gakketta li kellha mal-mudguard u waqghet. Hija inzaghmet l-isptar gewwa ward ortopedic ward 1 ghal aktar kura peress li kellha issirilha operazzjoni. Hija qalet ukoll li x-xufier tal-bowser hekk kif induna li Carmela waqghet huwa baqa' maghha sakemm gew il-familjari ta' Carmela.***

***Il-Pulizija regghu marru jkellmu lil Carmela Fiott li kienet qed tinzamm ghal aktar kura f'Ortopedic Ward 1 sabiex tghid ezatt kif gara l-incident imsemmi hawn fuq u mistoqsija minn WPS 156 hija qalet hekk***
***Jien kont niezla l-isfel lejn Triq il-Qaliet fuq in-naha ta' barra tal-karozzi ipparkjati mal-bankina. Kif wasalt hdejn is-St Annes Pharmacy kien hemm bowser li dan ukoll kien qieghed ipparkjat. Jien mort biex naqsam minn quddiem il-bowser biex nitla fuq il-bankina. F'daqqa wahda startja u mar biex jikser lejn in-naha ta' barra u ma nafx kif qabditli l-gakketta ma nafx ma x'hiex u waqajt ghal wicci. Hekk kif semghani nghajjat ix-xufier niezel mit-truck sabiex jghini nqum."***

Ikkunsidrat:

Illi a tempo vergine l-imputat kien irrilaxxja stqarrija[1] izda d-Difiza ssottomettiet li din l-istqarrija mhux ammissibbli bhala prova stante li qabel ma rrilaxxja l-istess stqarrija l-imputat ma nghatax l-opportunita' li jikkonsulta ma avukat. Tenut kont tal-gurisprudenza recenti fir-rigward dan il-punt u tenut kont tal-fatt li mill-atti processwali jirrizulta li l-imputat ghandu fedina penali netta din il-Qorti mhux ser tiehu in konsiderazzjoni il-kontenut tal-istqarrija ghal finijiet ta' determinazzjoni ta' htija o meno.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-8 ta' Novembru 2012 fejn spjega li dakinhar tal-incident kien qed ihott l-ilma bil-bowser f'lukanda li hemm fit-triq in dizamina u malli lesta huwa dahal fil-bowser u qabel ma qala' mill-parkegg ra lil Fiott mill-mera miexja fuq il-bankina gholja fuq il-wara tat-trukk man-naha tal-passiggier meta malli beda' jaqla' mill-parkegg ra l-gakketta tal-mara tehel mal-mudguard u lil mara taqa' u huwa nizel u taha l-ghajnuna. Huwa jghid li probabilment Fiott refghat idejha mal-gemb tat-trukk peress li l-bankina kienet gholja u ma ndunatx li kien qed jimxi t-trukk u ghalhekk tfixklet u waqghet fuq il-gemb ta' idejha. Huwa

[1] Inserita a fol. 32 u 33 tal-atti processwali

qal ukoll li ftit metri l-boghod minn fejn sehh l-incident hemm il-pedestrian lights minn fejn wiehed jista’ jaqsam. Huwa jsostni li ma laqatx lil mara bit-trukk u li hija wegghat meta qabditilha il-gakketta mal-mudguard, tfixklet u waqghet. L-imputat jghid li, li kieku laqat lil mara bit-trukk zgur li kien ikun hemm konsegwenzi hafna aktar serji.

Ikkunsidrat:

Illi wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta l-provi migjuba mill-partijiet f’dan il-kaz il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprorva sal-grad tal-probabbli li l-incident awtomobilistiku de quo sehh unikament minhabba nuqqas ta’ attenzjoni da parti tal-pedestrian Maria Carmela Fiott li meta marret sabiex tinzel minn fuq il-bankina gholja sabiex taqsam it-triq zammet mal-wara tat-trukk u ma ndunatx li dan kien qed jiccaqlaq sabiex b’hekk qabditilha il-gakketta mal-mudguard, tfixklet u waqghet. Dan jinghad ghaliex jekk wiehed jara l-okkorrenza wiehed jinduna li a tempo vergine Maria Carmela Fiott kienet fil-fatt indikat lil Pulizija li l-gakketta kienet inqabditilha mat-trukk izda hija mbaghad naqset milli ssemmi dan il-fatt meta xehdet f’dawn il-proceduri. Din il-Qorti inoltre setghat tinnota li kien hemm inkonsistenzi ohra bejn il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-anzjana a tempo vergine u dik moghtija meta xehdet quddiem din il-Qorti. Filwaqt li meta xehdet hija qalet li kienet diga’ qasmet it-triq u kienet miexja fuq il-bankina, a tempo vergine qalet li kienet ghadha ma qasmitx u li kienet miexja fuq in-naha ta’ barra tal-karozzi parkeggjati u tat-trukk misjuq mill-imputat. Meta hadet in konsiderazzjoni dawn l-inkonsistenzi kollha fil-verzjoni tal-fatti moghtija minn Maria Carmela Fiott din il-Qorti jidrilha li jirrizulta oltre l-grad tal-probabbli li l-incident awtomobilistiku de quo effettivament sehh kif indika l-imputat. Il-Qorti taqbel li, li kieku verament il-mara giet miluqta mill-bowser il-konsegwenzi kienu jkunu ferm aktar serji milli effettivament irrizulta li kienu. Fid-dawl ta’ dan kollu din il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li kien hemm xi traskuragni, sewqan perikoluz jew bla kont jew nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat

li setghu ikkagunaw l-incident de quo. Ghal din ir-raguni l-imputat ser jigi dikjarat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------